MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Numru 827/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**JONATHAN STEWART**
**WAYNE BRIFFA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jonathan Stewart ta' 20 sena bin Stephen u Josephine nata Micallef imwieled Pieta fid-9 ta' Marzu 1985 u residenti 15, 'Tulip', Sqaq numru 1, Ghajn Dwieli Road, Paola detentur ta' ID card numru 229485M u lill

Wayne Briffa ta' 18 il-sena bin Redent u Jacqueline nata Mckay imwieled Pieta' fl-4 ta' Settembru 1986 u residenti

38, Pauline Flats, Queen Street, Paola, detentur ta' ID card numru 402586M;

Gew akkuzati talli fl-24 ta' Gunju 2005 ghall-habta tal-Hamsa ta' filghaxija u/jew fil-granet ta' qabel din id-data filwaqt li kienu gewwa il 'Fitness Planet' sitwat f'Haz-Zebbug ikkommettew serq ta' diversi 'Mobile Phones' u ta diversi kartieri ghad-dannu ta' diversi persuni liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz;

akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u  dan meta tefghu xi Mobile Phones fl-ilma liema hsara hija izjed minn Hamsin Lira Maltin pero ma tiskorrix il-Hames Mitt Lira Maltin;

Wayne Briffa wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghad li ma kienx wahda mill persuni imsemmija fil-paragrafi (a) (b) u (c) tal-artikolu 42 tal-Kap 9 b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill awtur tad-delitt u cioe lill Jonathan Stewart fl-atti li bihom id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom  jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

U fl-ahhar Jonathan Stewart wahdu billi kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza saret definittiva nhar il-5/7/04 u li ma tistax tigi mhassra

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RD 5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat illi fis-Seduta tal-31 ta’ Mejju, 2010 l-imputati ddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fis-Seduta tat-18 ta’ Gunju, 2010 Dr Chris Cardona ghall-imputat Jonathan Stewart iddikjara li wara s-Seduta precedenti jirrizultalu li effettivament l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Jonathan Stewart u cioe’ li kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema Sentenza saret definittiva moghtija fil-5 ta’ Lulju, 2004, jirrizulta li din l-akkuza diga’ giet provduta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D. fl-14 ta’ Dicembru, 2007 u ghaldaqstant l-imputat Jonathan Stewart b’referenza ghall-ammissjoni tieghu maghmula fil-Verbal tas-Seduta tal-31 ta’ Mejju, 2010 fejn kien iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu qieghed jirtira tali ammissjoni u qieghed jiddikjara fil-presenza tal-avukat difensur tieghu li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ksur ta’ kundizzjoni kif hawn fuq riferit.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Jonathan Stewart bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Jonathan Stewart fil-presenza tal-avukat difensur tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fis-Seduta tat-18 ta’ Gunju, 2010 l-imputat Wayne Briffa fil-prezenza tal-avukati difensuri tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu maghmula fil-Verbal tas-Seduta tal-31 ta’ Mejju, 2010.

Innutat li fis-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u Dr Mark Vassallo ghall-imputat Jonathan Stewart iddikjaraw li jaqblu illi mid-dokument esebit illum bhala Dok DAR1, inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-istess imputat Jonathan Stewart, u cioe’ li kiser il-kundizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema Sentenza saret definittiva fil-5 ta’ Lulju, 2004 u li ma tistax tigi mhassra, jirrizulta li din l-akkuza diga’ giet provduta ghaliha fis-Sentenza li kopja vera taghha giet esebita llum bhala DAR1. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Raymond D’Anastas talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Jonathan Stewart.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Jonathan Stewart l-artikoli 17, 261(c) u (b), 263, 267, 278(2), 279, 280(2) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Wayne Briffa l-artikoli 17, 261(c) u (b), 263, 267, 278(2), 279, 280(2), 325(1)(b) u 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Jonathan Stewart, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Jonathan Stewart ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Jonathan Stewart jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-istess imputat Jonathan Stewart fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u minn Dr Mark Vassallo ghall-imputat Jonathan Stewart u dak mitlub mill-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Raymond D’Anastas dwar l-imsemmija akkuza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Jonathan Stewart.

Issib lill-imputat Wayne Briffa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Wayne Briffa ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Wayne Briffa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Jonathan Stewart u Wayne Briffa l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------